22006A1205(02)

5.12.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 338/1

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Lulju 2006

li tapprova f'isem il-Komunità Ewropea emendi għall-Annessi V u VIII tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għan-negozju fl-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3327)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/854/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għan-negozju fl-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali ([1]), u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għan-negozju fl-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali ([2]) ("il-Ftehim") ħaseb għall-possibbiltà li tingħaraf l-ekwivalenza tas-sistemi ta' kontroll u taċ-ċertifikazzjoni ta' New Zealand għal-laħam frisk u prodotti bbażati fuq il-laħam u għal prodotti oħra ta' l-annimali.

(2) Il-Kumitat tat-Tmexxija Konġunta għall-Ftehim imwaqqaf taħt l-Artikolu 16 tal-Ftehim ("il-Kumitat"), fil-laqgħa tiegħu ta' l-20 ta' Ottubru 2005, għamel rakkomandazzjoni dwar id-determinazzjoni ta' l-ekwivalenza tar-rekwiżiti sanitarji għan-naħal ħaj u n-naħal bagħli (*bombus spp.*). Il-Kumitat irrakkomanda wkoll id-determinazzjoni ta' l-ekwivalenza tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni u ssuġġerixxa proċeduri xierqa ta kif isiru kontrolli fiżiċi ta' l-importazzjoni ta' dawn l-oġġetti.

(3) Sabiex jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija Konġunta huwa xieraq li l-Annessi V u VIII tal-Ftehim jiġu emendati.

(4) L-Anness V tal-Ftehim jeħtieġ wkoll li jiġi aġġornat minħabba d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tirrevoka ċerti direttivi dwar l-iġjene ta' l-ikel u l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali u maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([3]). L-Annessi V u VIII jeħtiġilhom li jiġu aġġornati minħabba l-introduzzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni 1688/2005/KE ta' l-14 ta' Ottubru 2005 li jimplementa r-Regolament 853/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għal konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd ([4]).

(5) Dawk l-emendi għandhom jiġu approvati f'isem il-Komunità.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 57, tas-26.2.1997, p. 4. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 1999/837/KE (ĠU L 332, tat-23.12.1999, p. 1).

([2]) ĠU L 57, tas-26.2.1997, p. 5.

([3]) ĠU L 157, tat-30.4.2004, p. 33. Verżjoni kkorreġuta ĠU L 195 tat-2.6.2004, p. 12.

([4]) ĠU L 271, tal-15.10.2005, p. 17.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Skond ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kumitat tat-Tmexxija Konġunta mwaqqaf skond l-Artikolu 16 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji li jgħoddu għan-negozju fl-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali, l-emendi ta' l-Annessi V u VIII ta' dan il-Ftehim huma b'dan approvati f'isem il-Komunità.

It-test ta' l-Iskambju ta' Ittri li jikkostitwixxi Ftehim ma' New Zealand, inklużi l-emendi ta' l-Annessi V u VIII tal-Ftehim, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur huwa b'dan awtorizzat li jiffirma l-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri li bih jorbot lill-Komunità.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tibda tgħodd mill-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara x-xahar li fih New Zealand tinnotifika lill-Kummissjoni bil-miktub li l-proċeduri interni għall-approvazzjoni ta' l-emendi msemmija fl-Artikolu 1 tlestew.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Istati Membri dwar in-notifika msemmija fl-ewwel paragrafu bla dewmien.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 26 ta' Lulju 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni